# Qorti tal-Appell Kriminali

**Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima LL.D.**

**Appell Numru: 259/2014**

Il-Pulizija

(Spettur Maria Stella Cutajar)

vs

**Matthew Zarb**

iben Vincent , imwieled Pieta', fil-5 ta' Jannar, 1988, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 41788(M)

Illum il-31 ta' Lulju 2019,

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Matthew Zarb quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) akkuzat talli fl-l ta' Marzu 2014 ghall-habta ta' 1:30a.m. f'Birkirkara u f'dawn il-gzejjer, waqt li kont qed issuq vettura tal-marka 'Mercedes' b'chassis NO. WDB2083652F176 7 49;

1. Ghamel uzu minn marka ta' registrazzjoni xorta' ohra minn dik moghtija mill- Awtorita' ghat-Trasport f'Malta dwar xi vettura bil-mutur partikolari, cioe ghamel uzu minn pjanci tan-numri tar-registrazzjoni EAN-768 li huma mahruga fuq vettura tal-marka BMW u li gew uzati fuq l-imsemmija vettura li kien qed isuq tal-marka'Mercedes'.

2. Ghamel uzu minn licenzja ta' vettura bil-mutur partikolar ohra fuq l-imsemmija vettura tal-marka 'Mercedes', liema licenzja tal-vettura kienet mahruga fuq vettura tal-marka 'Peugeot' registrata b'Nru. CBF-038;

3. Saq l-imsemmija vettura tal-marka 'Mercedes' minghajr ma kienet licenzjata mill-Awtorita' ghat-Trasport f'Malta biex tintuza fit-triq;

4. Saq l-imsemmija vettura tal-marka 'Mercedes' minghajr ma kienet koperta b'polza ta' assigurazzjoni dwar ir-riskji tat-terzi persuni;

5. Saq l-imsemmija vettura tal-marka 'Mercedes' minghajr ma kellek licenzja tas- sewqan mill-Awtorita' ghat- Trasport f'Malta that dik il-kategorija specifikata biex issuq l-imsemmija vettura;

6. Ghamel uzu mill-imsemmija vettura tal-marka 'Mercedes' bil-licenzja mhux imwahhla fuq ix-xellug tal-Windscreen;

7. W'aktar sar recidiv b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) datata 26/2/13 mill-Magt.Dr.F.Depasquale LL.D., liema sentenza saret deffinitta u ma tistax tigi mibdula.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-10 ta' Gunju, 2014 fejn il-Qorti wara li rat l-Artikolu 15(1)(A)(3) tal-Kap. 65, Artikolu 3(1) tal-Kap, 104, Artikolu 17(2)(b), 2044(5), LS.368/02, Artikolu 49,50 tal-Kap 9 sabet lill-akkuzat hati ta' l-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu u kkundannatu piena karcerarja ta' xahrejn.

Rat ir-rikors tal-appellant Matthew Zarb minnu pprezentat fid-19 ta' Gunju, 2014 fejn talab lil din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha in kwantu sabitu hati ta' l-imputazzjonijiet (1), (2), (3), (4), (5) u (6), u minflok tvarja l-piena inflitta u tissostitwixxiha ghal piena anqas harxa u li tirrispekkja l-kaz in ezami.

Rat l-aggravji tal-appellant u cioe':-

Illi waqt is-seduta tat-traffiku li saret fl-10 ta` Gunju 2014 quddiem il-Magistrat Dr Francesco Depasquale, l-ufficjal prosekutur cjoe l-ispettur Maria Stella Cutajar irtirat is-seba imputazzjoni cjoe dik tar-recediva, u dan kif juri verbal fl-istess

seduta. L-appellant esponenti irregistra ammissjoni minnufih ghas-sitt imputazzjonijiet l-ohra cjoe mill-ewwel sas-sitt akkuzi. Huwa iddepona u bil-gurament tieghu spjega kif sehh dan l-incident.

Jsegwi illi galadarba, kien hemm ammissjoni immedjata, konsolidata bix-xhieda tal-appellant, l-imputazzjoni kif dedotta ghandha tkun ittrattata bhala akkuza bla recediva stante illi is-seba imputazzjoni hija effettivament irtirata. Ebda prova ma ingabet illi l-appellant kien recediv. Issa kull imputat tista tghid illi jiffaccja akkuzi simili jkun f'kaz li l-Qorti issib htija ikkundannat multa komplessiva kif juru mijiet ta` akkuzi simili kif wkoll sospensjoni milli jkollu licenzja ghal zmien sa sena. Mhux hekk sehh f'dawn il-proceduri: l-esponent kien ikkundannat xahrejn prigunerija effettivi, fuq ammissjoni ghas-sitt imputazzjonijiet.

Illi l-imputat zbalja ma hemmx dubbju kif juru l-ammissjonijiet tieghu kemm mal-pulizija li waqqfuh fl-1 ta` Marzu 2014, kif wkoll waqt is-seduta fl-awla.

Illi l-esponent qed jintavola dan l-appell mhux dwar htija izda dwar piena relattivament harxa, stante illi huwa jhoss illi l-Ewwel Qorti setghet tinfliggi piena inqas harxa bhal ma hi multa jew sentenza sospiza kif sehh f'diversi kazijiet simili dwar akkuzi bhal dawk hekk appellati.

Illi l-ewwel imputazzjoni huwa ammess illi iggor piena karcerarja skond il-Kap 9 tal-Ligijiet ta` Malta u cjoe li isir uzu minn dokument pubbliku falz; hawn si tratta ta` pjanca tar-registrazzjoni mahruga fuq vetturi u jsegwi illi wkoll ammissjoni immeddjata kemm waqt ir-road block kif wkoll fl-awla seduta stante, timmerita piena anqas harxa. Il-Qorti ta` l-Appell Kriminali trattat appell simili bhal kaz in kwistjoni lura fis-sena 1961, meta fl-Appell inferjuri *P vs Paul Bonnici* l-appellant intbghat gimghatejn prigunerija u dan meta fiz-zmien msemmi 1961, il-Qrati taghna kienu ferm izjed horox fil-pieni li jinfliggu, kif wkoll ma kienx jezisti il-proveddiment tal-Artikolu 28 Kap 9 cjoe` sentenza sospiza.[1]

Illi huwa ghal dawn il-mottivi u ragunijiet illi l-esponenti qed jintavola dan l-Appell, sabiex huwa jinghata piena anqas harxa.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

---

[1] Decizjoni datata 30/06/1961 per Harding.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant ezebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat:

Illi l-aggravju mqajjem mill-appellant jikkonċerna l-piena mposta fuqu mill-ewwel Qorti fejn hu ġie kkundannat għal piena ta' xahrejn prigunerija. Jishaq l-appellant illi din kienet piena wisq harxa fejn l-Ewwel Qorti fid-dawl tal-ammissjoni inkondizzjonata minnu irregistrata setghet teroga piena alternattiva ghal dik tal-prigunerija tenut kont ukoll tal-fatt illi l-addebitu tar-recidiva gie irtirat mill-Prosekuzzjoni.

Illi minn ezami tal-atti jirriżulta illi nhar l-1 ta' Marzu 2014, filwaqt illi l-pulizija tal-RIU kienu qedgħin jagħmlu *night watch* u *road checks* ġewwa Triq Dun Karm Psaila, Birkirkara, waqqfu vettura tal-għamla Mercedes ta lewn blu ċar bin-numru tar-reġistrazzjoni EAN768 u n-numru tax-chassis WDB2083652F176749 li kienet qed tinsaq mill-appellant. Meta l-pulizija ċċekkjaw il-liċenzja tal-vettura mwaħħla mal-*windscreen* ghalkemm din kienet valida, madanakollu kienet tgħajjat vettura oħra, senjatament BMW bin-numru ta' reġistrazzjoni CBF038. Meta l-pulizija tkellmu mal-appellant hu ammetta magħhom li ma kellux liċenzja tas-sewqan u li l-vettura ma kenitx tiegħu iżda ta' ħuh.

Illi mill-komputazzjoni magħmula minn din il-Qorti m'hemm l-ebda dubbju li l-piena erogata kienet taqa' fil-parametri tal-liġi u dan tenut kont tal-fatt li l-akkuzi addebitati lill-appellant jenkapsulaw reati li jaqghu kemm taħt il-Kapitolu 65 u il-Kapitolu 104 kif ukoll il-Leġislazzjoni Sussidjarja 368.02.

Illi l-appellant minn naha tieghu ma iressaqx l-icken mottiv li tista' twassal lil din il-Qorti tasal ghal fehma ohra differenti minn dik milhuqa mill-Ewwel Qorti. Illi l-uniku xhud li iressaq l-appellant huwa l-psikatjra Dr. John Borg fejn b'referenza għac-certfikat mediku minnu rilaxxjat u li jinstab eżebit a folio 32 tal-atti proċesswali, dan ma jixhet l-ebda dawl fuq l-istat ta' sahha mentali tal-appellant fil-mument tal-kummissjoni tar-reati addebitati lilu u jekk l-istess setax kellu xi ness mal-agir kriminali tieghu. Fid-dawl ta' dan, din il-Qorti mhijiex ser tieħu qies tal-imsemmi certifikat sabiex tiddetermina jekk il-kontenut tal-istess għandux ikollu pern fuq il-*quantum* jew il-kwalita' tal-piena mposta fuq l-appellant. Il-Qorti, bhall-Ewwel Qorti qabilha, madanakollu, ma tistax tinjora l-fedina penali tal-appellant fejn irriżulta li qabel dan il-każ hu kien diġa' nstab ħati ta' reati marbuta ma' infrazzjonijiet tat-traffiku li jaqghu kemm taħt il-Kapitolu 65 kif ukoll il-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta' Malta. Dan jindika biċ-ċar illi l-appellant ma tantx donnu qed jimpenja ruħu jitgħallem minn għemilu. Fil-fatt jidher li dan kien il-hsieb ta'l-Ewwel Qorti meta ghaddiet biex tikkundanna lill-appellant ghal piena karcerarja effettiva. Stqarret hekk:

> **"Peress illi jirrizulta illi l-akkuzat ma ghandu l-ebda biza tal-Ligi u tal-effetti li l-ksur ta' tali ligijiet timporta, fic-cirkostanzi issib lill-akkuzat hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu u tikkundannah piena karcerarja ta' xahrejn."**

Dan wara li hadet in konsiderazzjoni ukoll l-ammissjoni bikrija tieghu. Fil-fatt gie dejjem insenjat illi:

> **"Kif din il-Qorti dejjem irriteniet[2] u hawn tirribadixxi, meta jkun hemm ammissjoni huwa xi ftit jew wisq odjuż appell minn piena sakemm din tirrientra fil-limiti li tipprefiġġi l-liġi. Dan huwa hekk peress illi min jammetti jkun qiegħed jassumi r-responsabbilta` tad-deċiżjoni li jkun ħa u jirrimetti ruħu għal kull deċiżjoni dwar piena li l-Qorti tkun tista' tasal għaliha. Naturalment dan ma jfissirx li din il-Qorti u Qrati oħra ta' appell ma jidħlux f'eżami akkurat taċ-ċirkostanzi kollha biex jaraw jekk il-piena nflitta kinitx**

---

[2] Ara, fost ohrajn, Appelli Kriminali: The Republic v. Ahmed Ben Taher, 6 ta' Ottubru 2003; Ir-Repubblika ta' Malta v. Mohamed Mohamed Abusetta, 4 ta' Dicembru 2003; Ir-Repubblika ta' Malta v. Serag F. H. Ben Abid, 4 ta' Dicembru 2003

**eċċessiva jew le. Mhuwiex normali, pero`, li tiġi disturbata d-diskrezzjoni ta' l-ewwel Qorti jekk il-piena nflitta tkun tidħol fil-parametri tal-liġi u ma jkun hemm xejn x'jindika li kellha tkun inqas minn dik li tkun ingħatat.[3]"**

Għal dawn ir-raġunijiet kollha din il-Qorti ma tara li hemm l-ebda mottiv li jista' igieghlha titbieghed mid-diskrezzjoni ezercitata mill-Ewwel Qorti meta giet ghal komputazzjoni tal-piena u x-xorta u kwalita' taghha u konsegwentement ser tikkonfermaha.

Għal dawn il-motivi l-Qorti, taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

Edwina Grima
Imhallef

[3] App.Sup, Ir-Repubblika vs Antoine Grima deciza 13/10/2016